MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 105/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-konjugi zzewwgu fil-21 ta’ Settembru 1974;

Illi l-konjugi Micallef sseparaw permezz ta’ kuntratt datat 24 ta’ Frar 1989, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit, kopja qed tigi hawn annessa;

Illi ai finijiet ta’ l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili jirrizulta skond l-istess kuntratt :

1. li l-konjugi Micallef ilhom legalment separati aktar minn erba’ snin; u
2. Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
3. Illi inoltre skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta’ manteniment minghand xulxin u llum ukoll uliedhom huma lkoll maggorenni;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet Micallef, wara li tkun qieset li dak kollu mitlub huwa soddisfacenti ai finijiet u effetti tal-ligi;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Frar, 1989 u ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ulied il-partijiet illum huma maggorenni u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt ta’ manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------